Verżjoni Elettronika

A.L. 154 tal-2024

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 72 tal-Att dwar il-Gvern Lokali, il-Ministru responsabbli għall-gvern lokali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 363.239.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "applikant" minnufih wara l-kliem "li japplika għal permess" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u għandha tinkludi persuna li tagħti avviż tat-tqegħid temporanju ta' caravan;";

(b) minnufih wara t-tifsira "Att" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "avviż" tfisser avviż mogħti bil-miktub jew b'mod elettroniku lid-Dipartiment skont it-Tielet Skeda, u l-kliem "tagħti avviż" għandu jiġi interpretat konformement;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "caravan" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Dipartiment" tfisser id-Dipartiment responsabbli mill-monitoraġġ u sapport tal-Gvern Lokali kif imfisser fl-Att;";

(d) minnufih wara t-tifsira "lokalità" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna li tqiegħed caravan" tfisser il-persuna li tkun is-sid ta' caravan u, jew persuna li tipposjedi l-

Verżjoni Elettronika

caravan bil-permess tas-sid, u li tqiegħed caravan f'xi lokalità jew żona ta' kampeġġ temporanju wara li tikseb permess mingħand il-Kunsill wara applikazzjoni sottomessa skont l-Ewwel Skeda jew it-Tieni Skeda, jew wara li tat avviż lid-Dipartiment skont it-Tielet Skeda;"; u

(e) fit-tifsira "żona temporanja għall-kampeġġ" minnufih wara l-kliem "speċifikata f'bye-law maħruġa" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "bi qbil minn qabel mal-Ministru".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "għandhom japplikaw minflok bye-laws oħra magħmula minn xi Kunsill" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandhom japplikaw b'żieda ma bye-laws oħra magħmula minn Kunsill qabel l-1 ta' Lulju 2023"; u

(b) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda bye-laws dwar it-tqegħid ta' caravans f' lokalità magħmula minn Kunsill wara l-1 ta' Lulju 2023 għandhom japplikaw biss bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Mejju ta' kull sena sakemm ikunu bye-laws li speċifikament jirregolaw l-amministrazzjoni ta' żoni temporanji ta' kampeġġ stabbiliti wara l-1 ta' Lulju 2023.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "u l-kondizzjonijiet stipulati fil-permess" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew mingħajr ma jkun ta' avviz minn qabel lid-Dipartiment kif provdut f'dawn ir-regolamenti";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-ebda caravan ma għandu jitqiegħed:

(a) f'żona f'lokalità fejn sinjal li jkun jipprojbixxi t-tqegħid ta' caravans fl-imsemmija żona jkun ġie mtella' mid-Dipartiment jew minn xi awtorità kompetenti oħra: jew

(b) fi kwalunkwe żona ta' parkeġġ

Verżjoni Elettronika

f'kwalunkwe lokalità li tkun ġestita minn entità pubblika bħala żona ta' parkeġġ ta' faċilità ta' dik l-entità mingħajr il-kunsens minn qabel ta' dik l-entità."; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Għandha tkun ir-responsabbilità unika ta' kwalunkwe persuna li tqiegħed caravan f'kwalunkwe sit barra żona temporanja għall-kampeġġ li tiżgura li dak it-tqegħid huwa konformi mal-liġijiet u r-regolamenti kollha. L-ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandu jiġi interpretat bħala li jeżenta lil kwalunkwe persuna milli tikkonforma ma' kwalunkwe tali liġijiet jew regolamenti kif imsemmi jew bħala li qiegħda tittrasferixxi kwalunkwe tali responsabbilità lid-Dipartiment.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "tar-regolamenti 3 u 4" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' dawn ir-regolamenti".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "Applikant jista' japplika lill-Kunsill" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, persuna tista' tapplika ma' Kunsill";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kelma "L-applikazzjoni" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Applikazzjoni skont dan ir-regolament"; u

(ii) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Applikazzjoni skont dan ir-regolament għandha tispeċifika d-dati li fihom l-applikant ikun biħsiebu jqiegħed caravan fil-lokalità jew fiż-żona temporanja għall-kampeġġ.".

Verżjoni Elettronika

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "skont ir-regolamenti 3 u 4," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont ir-regolament 6,";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "skont ir-regolamenti 3 u 4" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont dawn ir-regolamenti"; u

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "L-applikant għandu jirrispetta l-ambjent naturali taż-żona u għandu jżomm il-parti taż-żona jew post ieħor assenjati għat-tqegħid tal-caravan tiegħu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kwalunkwe persuna li tqiegħed caravan f'xi sit jew f'żona temporanja għall-kampeġġ għandha tirrispetta l-ambjent naturali taż-żona u għandha żżomm il-post fejn jitqiegħed il-caravan u l-viċinanzi immedjati tiegħu"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kelma "l-applikant" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "il-persuna li tqiegħed il-caravan fuq is-sit".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

9. Is-subregolament (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Matul iż-żmien li caravan ikun imqiegħed f'żona temporanja għall-kampeġġ jew f'post ieħor skont dawn ir-regolamenti, il-permess li jawtorizza dak it-tqegħid jew l-avviż mogħti lid-Dipartiment, skont il-każ, għandu jkun muri b'mod prominenti fuq il-caravan.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

10. Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Il-massimu taż-żmien ta' tqegħid.

9A. Caravan, kemm jekk imqiegħed f'żona temporanja għall-kampeġġ jew f'post ieħor wara avviż lid-Dipartiment jew permezz ta' permess maħruġ minn Kunsill ma jistax hekk jitqiegħed għal perjodu ta' aktar minn sebat (7) ijiem.".

Verżjoni Elettronika

11. Ir-regolamenti 10 u 11 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra. Iħassar ir-regolamenti 10 u 11 tar-regolamenti prinċipali.

12. Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej: Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

"(3) Fejn caravan jitqiegħed barra minn żona temporanja għall-kampeġġ wara li jkun ingħata avviż lid-Dipartiment, id-dritt li għandu jitħallas bil-quddiem lid-Dipartiment għandu jkun ta' ħames euro (€5) għal kull jum li matulu l-caravan hekk jitqiegħed:

Iżda fejn il-persuna li hekk tqiegħed il-caravan skont dan is-subregolament ikollha iżjed minn sittin (60) sena kif ikun jirriżulta mid-dokument tal-identità tagħha, id-dritt skont dan is-subregolament għandu jkun ta' ħamsin ċenteżmu ta' euro (€0.50) kuljum.".

13. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) il-kliem "Il-caravan fih faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għal___persuni" tagħha għandhom jiġu mħassra; u

(b) il-kliem "Dawn il-persuni se jkunu akkomodati fil-caravan:

Adulti:

_____- KI numru _____

_____ KI numru_____

_____- KI numru _____

_____- KI numru _____

Minorenni fil-kustodja tal-adulti:

_____- _____ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

_____- _____ KI numru/ Att ta' Twelid - numru ta' reġistrazzjoni

_____- _____ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

Verżjoni Elettronika

_____- _____ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni" tagħha għandhom jiġu mħassra.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

14. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "Il-caravan fih faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għal____persuni" tagħha għandhom jiġu mħassra; u

(b) il-kliem "Dawn il-persuni se jkunu akkomodati fil-caravan:

Adulti:

_____- KI numru _____

_____ KI numru_____

_____- KI numru _____

_____- KI numru _____

Minorenni fil-kustodja tal-adulti:

_____- _____ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

_____- _____ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

_____- _____ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

_____- _____ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni" tagħha għandhom jiġu mħassra.

Iżid Skeda ġdida li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

15. Minnufih wara t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi miżjuda l-Iskeda ġdida li ġejja:

"IT-TIELET SKEDA

Dipartiment tal-Gvern Lokali

Avviż ta' Tqegħid ta' Caravan fil-Lokalità ta' _____

Id-Direttur Generali

Dipartiment tal-Gvern Lokali,

Verżjoni Elettronika

Qiegħed b'dan nagħti avviż illi se nqiegħed caravan mill-
(data) _____ sal- _____ (data) kif ġej:

Lokalità:_____

Daqs tal-Caravan_____

Il-caravan għandu qawwa mekkanika: IVA/LE

Il-caravan fih kċina/faċilitajiet ta' preparazzjoni ta' ikel: IVA/LE

Qiegħed nehmeż ritratt tal-caravan.

Jiena nobbliga ruħi li nosserva r-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet.

(Firma)

_____

Isem_____

K.I. numru_____

Indirizz:

_____

_____

Tel:_____".